**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Ftis Migref Ahmed Tarek**

**Illum 12 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Ftis Migref Ahmed Tarek**, ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Tarek Mohamed u Fatima Mahmoudi, imwieled il-Libja fit-8 ta' Ġunju 1976, detentur tad-dokument lokali bin-numru 16462/13, talli nhar id-9 ta' Frar 2024, fil-ħinijiet ta' bejn il-5:00p.m. u s-6:00p.m., ġewwa San Ġwann:

1. Ikkommetta serq sempliċi, liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-detriment ta' l-istabiliment Lidl Malta Limited;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tittratta lil Ftis Migref Ahmed Tarek bħala persuna reċidiva meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 jew is-sejba ta' ħtija fuq ir-reċidiva tas-serq u cioè bi ksur ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A' sa' Dok. "H";

Rat li mistoqsi mill-Qorti x'jwieġeb għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema sottomissjonijiet irriżulta li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u li huwa għandu problema ta' abbuż ta' alkoħol;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar id-9 ta' Frar 2024, fil-ħinijiet ta' bejn il-5:00p.m. u is-6:00p.m., ġewwa San Ġwann, ikkommetta serq sempliċi, liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn €232.94, għad-detriment ta' l-istabiliment Lidl Malta Limited. Il-Prosekuzzjoni in oltre qed tavvanza fil-konfront ta' l-imputat l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti neċessarjament għandha ssibu ħati ta' tali imputazzjoni. In kwantu rigwarda l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti tqis li għandha tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana kemm fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu kif ukoll fid-dawl tad-dokumentazzjoni esebita mill-Prosekuzzjoni.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputat u minnu ammess, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-segwenti fatturi: (i) il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija; (ii) l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat; u (iii) il-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' alkoħol.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u qed tittratta miegħu bħala reċidiv ai termini ta' l-imsemmija Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Peress illi mis-sottomissjonijiet avvanzati mid-Difiża rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' alkoħol, il-Qorti tqis li huwa għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza din il-problema u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**